L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2020**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 25 ta' April 2020 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m sa 12:05 p.m |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.

**TAQSIMA A: IL-KOMPONIMENT**

**Ikteb komponiment ta' bejn 550 u 600 kelma dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti. F'dan it-taħriġ trid turi l-kreattività u l-ħila tat-tifsir tal-ħsieb bl-ordni, b'mod ċar, u bi stil idjomatiku.**

1. Ir-riklami u l-konsumatur.
2. Il-bnedmin kollha jixirqilhom dinjità.
3. Il-kriżijiet li qed jiffaċċja l-baħar fis-seklu wieħed u għoxrin.
4. Ħuta żgħira qatt ma kielet waħda kbira, iżda mija flimkien, iva, jistgħu.
5. L-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa – ħrafa jew realtà?

**(Total: 15-il marka)**

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA B: TAQSIRA**

**Qassar din is-silta fi kliemek f'madwar mitt (100) kelma:**

**Ix-Xnigħat**

Hu kważi istint naturali fil-bniedem li malli jisma' xi xniegħa jrid jgħaddiha malajr lill-oħrajn, ġieli tkun vera u ġieli falza. Aħna l-Maltin bħal popli oħra, m'aħniex ħielsa minn din it-tentazzjoni kontinwa. Terġa' billi aħna gżira ċkejkna, dawn ix-xnigħat aktar jaslu malajr u jixterdu minn ħalq għal widna. F'kemm ili ngħidlek malajr Malta kollha tkun semgħet b'xi qlajja' li tkun xterdet bħan-nar.

Qisna wkoll nieħdu gost inxerrduhom ix-xnigħat, l-iktar b'ħafna zekzik, jew gossiping kif jgħidu bl-Ingliż. Inħobbu nqattgħu l-ħin nitkellmu fuq ġrajjiet u nies biex nuru kemm nafu x'qed jiġri, bla ma nifirdu l-fatti mix-xnigħat. Insibuha ħafifa wkoll li nivvintaw ħwejjeġ fuq l-oħrajn: "dak qed jgħidu marad b'moħħu", "l-ieħor siefer għall-kura tal-kanċer", "dak sabu li kellu l-AIDS", "dik se tiżżewweġ għax inqabdet tqila", u qlajjiet oħra bħal dawn.

Barra minn hekk, ix-xnigħat malajr nibdew ngħawġuhom. Min iżid, min inaqqas, min jesaġera, min ibiddel, min jgħid il-biċċa li jaqbillu u min idawwarha kif jogħġbu. Wieħed li jqum b'riħ filgħodu, sa filgħaxija f'tarf ir-raħal tiġri li jinsab agunija. Tnejn li ħabtu ftit b'karozza jispiċċaw magħduda b'midruba serjament jew maqtula.

Ix-xnigħat foloz għandhom konsegwenzi perikolużi fuq in-nies. Sfortunatament ħafna nies jaġixxu fuq ix-xnigħat li jkunu semgħu. Kemm individwalment u kemm kollettivament, l-imġiba tagħhom issir tiddependi mix-xnigħat li jkunu semgħu. Għax xi ħadd qallek xi xniegħa fuq it-tali persuna, din tnissel fik ċerta mibegħda lejha. Familji jispiċċaw ma jitkellmux bejniethom minħabba qlajja' li ivvintaw fuq xulxin. Xi wħud ma jmorrux għat-tieġ jew xi festa oħra ta' xi ħadd għax ħadu fastidju fuq x'semgħu fuqhom.

Aktar perikoluża tkun meta poplu sħiħ jirreaġixxi fuq xnigħat nazzjonali. Il-vjolenza tista' tfaqqa' minħabba li xi ħadd xerred xniegħa falza fuq persuna, grupp, jew organizzazzjoni. L-istess, il-vendikazzjonijiet jistgħu jkunu bbażati fuq qlajja' ivvintata. Ċertu tixwix kontra persuna jew gruppi jibda kemm-il darba minn xniegħa qarrieqa. Nafu wkoll b'episodji fl-istorja tad-dinja fejn xnigħat wasslu għal inċidenti gravi fuq persuni jew pajjiżi.

*(Addattata minn "Il-Psikoloġija f'Ħajjitna" ta' Alfred Darmanin SJ).*

**(Total: 5 marki)**

**TAQSIMA Ċ: IL-LINGWISTIKA MALTIJA**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA:**

1. L-ilsien matern jagħtina identità. B'danakollu ma jaqdiniex fil-qasam internazzjonali u għalhekk għandna bżonn ta' ilsna oħra. Ikkummenta.

2. L-influwenza tal-Għarbi nsibuha f'kull qasam tal-Ilsien Malti, kemm lessikali kif ukoll grammatikali. Ikkummenta b'eżempji xierqa.

**(Total: 10 marki)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2020**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II |
| DATA: | 25 ta' April 2020 |
| ĦIN: | mid-4:00 p.m sas-7:05 p.m |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Kull tweġiba għandha tkun twila bejn 500 u 600 kelma.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.

## TAQSIMA A: IL-POEŻIJA TAS-SEKLU XX

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet. Irreferi għal poeti u poeżiji magħżula b'mod bilanċjat mis-seklu għoxrin kollu.**

1. Iddiskuti elementi mil-lingwaġġ figurattiv li jinqdew bihom il-poeti Romantiċi u Moderni Maltin biex jirrakkontaw ir-relazzjonijiet umani fl-antoloġija *Il-Poeżija Maltija*. X'effetti joħolqu dawn ix-xbihat u metafori?

2. Il-poeti miġburin fl-antoloġija *Il-Poeżija Maltija* jippreżentaw lill-ġens Malti essenzjalment bħala komunità b'kultura waħda li tgħaqqadhom kollha flimkien. X'inhuma l-karatteristiċi li jiddistingwu lil din il-komunità nazzjonali maħluqa mill-poeti f'perjodi differenti?

**(Total: 10 marki)**

## TAQSIMA B: MONOGRAFIJI POETIĊI

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet.**

1. Fil-poeżiji ta' Maria Grech Ganado f'*Monografija* m'hemmx nisa differenti imma mara waħda f'mumenti u f'esperjenzi differenti. Taqbel?

2. Iddiskuti wħud mill-iktar metafori u xbihat li jispikkaw fil-poeżija ta' Maria Grech Ganado f'*Monografija*. X'inhuma l-fehmiet, l-emozzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet li joħolqu u kif joħolquhom?

3. X'sehem għandhom il-Bibbja u l-fidi Kattolika fix-xbihat li joħloq Pawlu Aquilina fil-poeżiji miġburin fil-*Monografija* tiegħu?

4. Fid-dinja poetika li joħloq fil-versi tiegħu f'*Monografija*, Pawlu Aquilina jinqeda b'xeni u xbihat mill-pajsaġġ naturali Malti. X'funzjonijiet poetiċi jagħtihom?

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ: IL-KRITIKA LETTERARJA (POEŻIJA)**

**Agħżel WAĦDA minn dawn iż-żewġ poeżiji.**

**Agħmel stħarriġ kritiku fit-tul u bir-reqqa tal-poeżija li tagħżel, skont ix-xejriet tematiċi u stilistiċi tagħha. Analizza l-poeżija fiha nfisha bħala xogħol sħiħ, daqskemm biċċa biċċa bħala ġabra ta' elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Agħti importanza ewlenija lill-unità tal-poeżija, lill-metrika, lit-tqassim tal-istrofi, lix-xejriet tal-frażjoloġija, lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, fosthom il-metafori, u lill-għażla tal-kliem.**

1.

**Is-Sigaretti ta' D.**

kont nisraqlek is-sigaretti
imbagħad niżvujtahom
niċċattjahom puliti
u nżerżaqhom bejn il-paġni
tal-kotba li l-iktar kienu jogħġbuni
forsi kont naħseb
li b'hekk
kont qed inbattal l-istorja tagħna
mill-velenu kollu tagħha
qisni kont naf
li kelli bżonn insakkrek
fi ħrafa sabiħa
biex xi darba
xi mkien 'il bogħod
forsi taħt sema tqil
u xitwi pariġġ ix-xjuħija
nerġa' nsibek
bla mistennija
qalb dawk l-istess folji
li issa
jintiegħmu mod ieħor.

Nadia Mifsud

*(mill-ktieb Kantuniera 'l Bogħod, 2015)*

**JEW**

2.

**Riċessjoni**

wara ġurnata xogħol
irġiel tas-sengħa
irġiel tal-boiler suit
irġiel weħidhom
bilqiegħda mal-bank għand tal-kafè
kull wieħed b'banketta battala fuq kull naħa
kull wieħed ipejjep
fis-skiet

kull wieħed jistenna bis-sabar
lit-tfajla tieħu l-ordni
kull wieħed iħares lejn il-menù
li jaf bl-amment
u jaf li xejn ma jogħġbu minnu
imma xorta jħares lejh
biċ-ċiera

kull wieħed

itiegħem il-benna ta' tmiem
il-ġurnata tax-xogħol
mal-morr tal-kafè
boqqa boqqa li kull wieħed idewwem f'ħalqu
eternità

kull wieħed minnhom
jikkontempla l-possibiltà reali
tal-qgħad

Albert Marshall

*(mill-ktieb Poeżiji 1964-2019, 2019)*

**(Total: 10 marki)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2020**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | III |
| DATA: | 27 ta' April 2020 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m sas-7:05 p.m |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Kull tweġiba għandha tkun twila bejn 500 u 600 kelma.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Wieġeb kull mistoqsija b'rabta sħiħa mat-test.

**TAQSIMA A: ID-DRAMA**

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet:**

1. It-teatru ta' Alfred Sant jinsisti li ebda bniedem mhu immakulat. Ikkummenta dwar din il-premessa billi tanalizza l-persunaġġi f'*Qabel Tiftaħ l-Inkjesta*.

2. Tkun liema tkun l-ideoloġija politika mħaddna, fl-aħħar mill-aħħar l-għan ta' partit huwa li jikseb u jżomm il-poter, u biex dan isir jeħtieġ li l-bnedmin (inklużi l-membri tal-partit) isiru biċċiet żgħar minn magna kbira. Taħseb li dan jidher anke f'*Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* ta' Alfred Sant?

3. Fid-dramm tiegħu *Menz*, Francis Ebejer iressaq il-figura tal-mara bħala sors ta' qerq u ħażen u fl-istess waqt jixħet fuqha l-fiduċja tiegħu għal ħajja aħjar. Iddiskuti.

4. F'*Menz* ta' Francis Ebejer, il-massa hija kkontrollata mill-politiku, temmen li qiegħda tgħix ħajja tajba u ferħana, mingħajr ma tinduna li hija marbuta bi ktajjen ħoxnin. Madankollu sistema politika bħal din għandha wkoll ix-xquq u xi wħud jirnexxilhom jaħarbu mill-irbit. Iddiskuti.

**(Total: 10 marki)**

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA B: IN-NARRATTIVA**

**Wieġeb WAĦDA biss minn dawn il-mistoqsijiet:**

1. L-istess kif għamlu diversi kittieba oħrajn, f'*Leli ta' Ħaż-Żgħir* Ellul Mercer iħares lejn il-figura tal-mara minn żewġ naħat estremi: bħala rappreżentazzjoni tal-qdusija u tal-ħażen. Iddiskuti.

2. Minkejja li twieled u għex f'Ħaż-Żgħir, u terġa' u tgħid kien persuna rrispettata u maħbuba minn kulħadd, Leli beda jħoss is-sikkatura tar-raħal. Uri kif fir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* il-protagonist jipprova jinħall mill-ambjent tiegħu, u analizza r-riżultat ta' dan it-tentattiv.

3. F'*Ħela taż-Żgħożija u Stejjer Oħra* Lino Spiteri jressaq mudell li fih il-karattri t-tajbin jappartjenu għal klassi soċjali u l-ħżiena għal oħra. Iddiskuti.

4. Ħafna drabi l-ambizzjoni u r-regħba jagħmu lill-bniedem u ma jħalluhx jibqa' jħaddan valuri universali bħall-imħabba u l-ħbiberija. Ikkummenta dwar dan billi tanalizza l-imġiba ta' wħud mill-karattri f'*Ħela taż-Żgħożija u Stejjer Oħra* ta' Lino Spiteri.

**(Total: 10 marki)**

**TAQSIMA Ċ: IL-KRITIKA LETTERARJA (PROŻA)**

**Agħmel analiżi kritika dettaljata ta' WAĦDA minn dawn iż-żewġ siltiet ta' proża.**

**F'dan it-taħriġ tagħmilx taqsira tas-silta magħżula. Is-silta ta' proża trid tistħarriġha fiha nfisha skont il-binja tagħha – narrattiva, deskrittiva, riflessiva, jew il-bqija – daqskemm bħala l-ġabra tal-elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Agħti importanza ewlenija lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, lill-binja sintattika tas-sentenzi, lit-tonalità, lir-ritmu li fiha, lill-għażla tal-kliem, u lil kulma jirrendiha letterarja.**

Silta 1.

Xaqq dawl. Jien u int nitbandlu r-Rabat, bis-swar tal-Imdina xhud ta' dal-mument fraġli li qed naqsmu flimkien. Tidħaq, int u tagħti skoss biex tħarrek il-bandla. Tidħaq, int u tissara magħha, 'il quddiem u lura, biex ittellagħha kemm jista' jkun 'il fuq, kemm jista' jkun malajr u qabli ovvjament. Tidħaq, tarani nissielet mal-bandla wisq baxxa għalija, nipprova naqtagħha mill-art.

Tidħaq, tismagħni ngerger li qed nistordi. Kont ili ma nitbandal hekk minn tfuliti. Kont ili ma nisimgħek tidħaq daqshekk bil-qalb!

Mhux biċ-ċajt li ħassejtni qed nistordi, ġejja u sejra, 'il quddiem u lura, bir-riħ jonfoħ qalil f'wiċċi. U iktar ma bdejt tielgħa 'l fuq, anki ninqata' minn ġewwa ħassejtni, tant li minn ħalqi ħarbitli għajta ċkejkna. Għalaqt għajnejja. Subgħajja bbiesu madwar il-katina. U int iktar tbandalt bil-qawwi, iktar dħaqt bil-qalb għax ħsibtni qed nirreċta. U ħallejt id-daħqa tiegħek tinfidni, titwaħħad mal-ġmiel dehbien tas-swar, tfawwarli qalbi, iddewweb il-kwistjonijiet kollha ta' bejnietna.

Ħassejtni nerġa' nħobbok bħal qabel, bħal meta kont tarbija għadek ħierġa minn ġufi, bħal meta kien għad kelli lilek biss. Insejtha lil oħtok, tielgħa u nieżla fuq iż-żurżieqa l-kbira, mingħajr ħadd attent għaliha.

Tlaħlaħt f'għajnejk leqqiena mid-dwejjaq u d-dubji, mir-rabja u l-mistoqsijiet. Erġajt sirt kollni kemm jien ommok.

Nadia Mifsud
*(Minn Ir-Rota Daret Dawra (Kważi) Sħiħa, 2017)*

**JEW**

Silta 2.

Meta twieled Jason Ceci la waqfet id-dinja u lanqas ħadd ma ħass il-bżonn li jipprova jwaqqafha. Lanqas Hitler u Mussolini ma ħassew li kellhom iwaqqfu l-gwerra. Forsi għax kienu għadhom jaħsbu li kienu se jirbħuha sa dakinhar li twieled Jason. Iżda għal uħud waqfet għal ftit meta Jason miet mhux ħafna snin wara li twieled. Għax Jason ma kienx għadu magħhom. U meta d-dinja reġgħet, bil-mod il-mod, bdiet iddur, dawn l-istess nies irrealizzaw kemm id-dinja, għalihom, kienet saret post ħafna aħjar milli kienu jafuha qabel.

Ma kienx xi wieħed li jimpressjonak wisq meta tiltaqa' miegħu l-ewwel darba. Pjuttost kont tgħid "Eh, dan hu Jason Ceci?" milli "Eh, dan hu Jason Ceci!"

Lanqas ommu ma kienet impressjonata wisq bih meta twieled. Ma kienx ippjanat, miskin, daqshekk qrib oħtu li twieldet ftit inqas minn sena qabel. Iżda dak iż-żmien tal-gwerra, f'dik ir-rassa kollha fix-xeltrijiet, kulħadd jgħid ir-rużarju f'dak id-dlam ...

Biex tgħaxxaqha twieled pespus, u ta' sitt xhur kien għadu qisu tat-twelid. Kien abjad karti – nej – qisu Ingliż. La jixbah lil ommu u lanqas lil missieru. Lanqas il-bużnanniet li tagħhom kien għad hemm ritratt antik u li kien sfar u ntlewa biż-żmien, fejn tidher il-bużnanna Ġorġa bilqiegħda b'Karmni f'ħoġorha u bil-bużnannu Lippu bilwieqfa warajha, b'idu l-leminija fuq spallitha. Maġenbu fuq il-lemin fit-tarf kien jidher Ġorġ, il-kbir mill-aħwa u n-nannu Tumas fuq ix-xellug. Żarena u Marija kienu jidhru maġenb in-nannu Tumas.

Charles Micallef St John
*(Minn Suwed Ulied il-Lejl: Ġorġa, 2007)*

**(Total: 10 marki)**